# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA ........................

## VALENZANO

Il-festi paskwali gewwa Valenzano jibdew mil-jum tal-Gimgha ta' qabel il-Gimgha Mqaddsa meta tigi ccelebrata l-festa ta' l-Addolorata. Id-devozzjoni lejn l-Addolorata twieldet gewwa Valenzano bis-sahha tal-Patrijiet Frangiskani meta probabilment kienet maghquda mal-purcissjoni tal- Gimgha l-Kbira lejn tmiem is-seklu XVII.

Il-Jum tal-Gimgha l-Kbira huwa jum solenni ghan-nies ta' Valenzano. Ma tonqosx li jharsu t-tradizzjoni ta' Hamis x-Xirka meta jaghmlu l-vizti lil-Gesu' espost fis-Sepulkri. Il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira hija purcessjoni straordinarja ghax fiha jiehdu sehem 47 Misteru jew statwa. Kollha huma propjeta' privata, b'eccezzjoni ta' tnejn biss li huma l-Addolorata u Kristu Mejjet li huma mizmuma fil-knisja ghax propjeta' taghha. Dawn jirraprezentaw episodji mit-Tbatija ta' Kristu u huma ta' daqs normali mahduma minn imghallmin bil-gibs u l-kartapesta, fuq talba tal-familji forsi minhabba xi devozzjoni jew grazzi maqlugha. Il-Misteri jintirtu minn familja ghal-ohra. F'Jum il-Gimgha l-Kbira jintramaw bil-fjuri u jiehdu hsieb biex jiftiehmu mar-reffiegha u skorti (normalment nisa u tfal) halli jakkumpanjaw l-istazzjon. Merfugha fuq l-ispalla dawn iduru mat-toroq tal-belt . Ir-reffiegha ma jilbsux kunfratija izda jilbsu ilbies iswed, qmis bajda u ingravata.

Ghall-habta ta' 10.30 ta' filghodu, l-vari kollha jigabru fil-pjazza u minn hemm tibda l-purcissjoni. F'lok imhejji apposta,il-purcissjoni tieqaf biex isir mument ta' qari bibliku, kant u animazzjoni liturgika tac-cirkustanza. Ghal xi t-tlieta tintemm il-manifestazzjoni.

## *IL-MISTERI TAL-FRATELLANZI*

1.






Il-processjoni tiftah bl-ewwel misteru ta' Kristu jahsel saqajn l-appostli.  Din l-istatwa hija propjeta ta' Domenico Massari, mahduma recentement mill-Imghallem tal-kartapesta Santino Marico fis-sena 2008 gewwa Lecca.  Il-grupp juri lil Gesu' fil-mument li qed jixxotta saqajn Pietru li bilqieghda ghadu ma jistax jifhem dan l-att ta' umilta' bhalma mhux qed jifhmu t-tlett appostli l-ohra Giovanni, Indri u Gakbu li qed jassistu mghaggba lejn dan l-avveniment.

Tingarr minn sitt reffiegha, tlieta quddiem u tlieta ohra wara. Jilbsu libsa, mhux kunfratijja, sewda u ingravata celesti biex ifakkru l-ilma li Kristu uza biex jahsel saqajn l-appostli.

Fuq quddiem nett timxi tfajla b'libsa bajda u kuruna ta' fjuri fuq rasha u iggor bieqja  biex tfakkar f'dak ir-ricipjent mimli ilma li Kristu uza .

2.



Propjeta' ta' Vito Lanera u resawrata fis-sena 2002 hija statwa merfugha fid-dar tal-propjetarju attwali gewwa Adelfia (Ba) Turi lil Kristu mdawwar mat-tnax-il appostlu waqt il-mument solenni ta' meta Gesu' waqqaf l-Ewkaristija.  Guda l-Iskarjota jidher bil-borsa tal-flus f'idejh, simbolu tat-tradiment li kien ser iwettaq ftit tal-mumenti wara.

3.



L-istatwa hija propjeta' tal-familja Capozzi . Matul iz-zminijet saru xi rtokki fuq il-misteru li probabilment ghattew il-firma ta' l-imghallem u d-data ta' meta nhadmet.

L-istatwa turi lil Kristu gharkubtejh qed jitlob u fuq spalltu anglu tal-Mulej jidher qed joffrilu konfort.



Propjeta ta' Paola Giordano. Din l-istatwa ta' Kristu qed iqajjem lil Pietru li raqad ghax kien ghajjien inhadment gewwa Bitritto mill-Imghallem Romeo Bovelacci.

Turi li Kristu wieqaf qed jitlob lil Pietru jqum ghax kien rqd taht is-sigra maz-zewg appostli l-ohra Gakbu u Ganni li ma jidhrux fil-misteru u fl-istess hin qed iwiddbu biex jishar ftit tal-hin mieghu ghaliex qlbu kienet imdejjqa ghall-mewt.

Fuq quddiem timxi tifla liebsa ta' anglu qed izomm bukket tal-fjuri.



5.

Propjeta ta' Luigi Specchia li wirt minghand l-antenati tieghu. Infatti huwa wiehed mill-misteri antiki hafna mahdum probabilment minn Errico, pero li gie restawrat fis-sena 2000.

Juri li Guda jittradixxi lil Kristu permezz ta' bewsa filwaqt li f'idejh qed izomm il-prezz tat-tradiment.

L-id ta' Kristu mghollija donnha trid tesprimi l-fatt li dak kollu li kien qed isehh kien qed jigri taht il-rieda t'Alla.



Propjeta' ta' Antonio Caringella.

Inhadmet gewwa Lecce mill-ahwa Gallucci fis-sena 1995. Turi li Kristu jigi mehdud quddiem Anna membru anzjan tas-Sinedriju, u ex-sommu sacerdot u haten Kajfa il-kbir sacerdot ta' dik is-sena, minn gwardja. F'idejn Anna hemm il-pergamena ta' l-akkuza ta' Kristu.  Dan il-misteru jkun ikkumpanjat minn banda.



Hija propjeta' ta' Rocco Leuzzi u wahda mill-misteri l-aktar antiki. ix-xoghol huwa attribwit lil Imghallem Maccagnani.

L-istatwa turi lil Pietru b'ghajnejh jharsu 'l fuq bhallikieku jitlob mahfra ghac-cahda tieghu. F'idejh huwa jidher qed izomm ic-cwievet li juri l-ghazla ta' Kristu li hu kellu jkun kap tal-knisja. Ma jonqosx il-presenza tas-serduq li tfakkarna li meta dan idden Pietru kien diga cahdu tlett darbiet

8



Dan il-misteru hu propjeta ta' Michele Quaranta u wirtu minghand missieru Pasquale li hallas biex jinhadem.

Mahdum gewwa Bari fis-sena 1982.  Jidher Kristu mehud quddiem Kajfa minn wiehed Lhudi .  Meta Gesu' stqarr li hu Bin Alla Kajfa jidher fil-mument li jqatta hwejgu.

9.



L-istatwa hija propjeta' ta' Giuseppe de Francesco. Inhadmet go lecce minn Carmelo Gallucci u Stella Ciardo fis-sena 2007.

Turi lil Kristu qed idawwar spallejh lejn Erodi u dan biex jirredikolah libbsu mantell abjad.



Din l-istatwa hija propjeta' ta' Anna Pietrocola.  Bhala radd il-hajr ta' grazzja maqghula, iz-ziju ta' Anna Giovanni Bruno ikkummissjona din l-istatwa lil Imghallem Salvatore Bruno madwar is-sena 1920.

L-istatwa tirrapresenta lil Pilatu qed jahsel idejh bl-ilma imferrgha minn bqija minn serv ta' Pilatu bhala sinjal li huwa ma ghandux htija tal-mewt ta' dan il-bniedem.  Jidher suldt ruman b'idejh fuq spallejn Kristu bhala gest  biex jistieden lil Kristu johrog mill-Pretorju filwaqt li suldat lhudi jidher qed jigbed lil Kristu ' l barra.